MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 830/2004

**Mario Fenech (I.D. Nru. 536961 (M)), f'ismu proprio kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali Speedy Pit Stop Company Limited (C – 34358), u Mary Balzan, (I.D. Nru. 227932 (M))**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata d-29 t'Ottubru, 2004, li permezz taghha l-attur proprio et nomine et fuq indikati, wara li ppremettew sintetikament is-segwenti:

1. Illi fit-13 ta' Settembru, 2004, il-Kontrollur konvenut qabad sebat elf u tmien mitt (7,800), litru "*diesel*" allegatament ghaliex ma thallasx taxxa tas-Sisa fuqu;

2. Illi n-nota ta’ qbid indikata fl-istess citazzjoni promotrici giet debitament notifikata lill-attur Mario Fenech;

3. Illi b’ittra tal-11 t’Ottubru, 2004, l-atturi fuq indikati esprimew il-kontestazzjoni taghhom ghall-imsemmi qbid stante li d-“*diesel*” de quo mhux suggett ghal qbid u nfurmaw lill-konvenut li kienu ser jistitwixxu proceduri legali fir-rigward in sostenn ta’ dan u ghalhek taw avviz lill-konvenut ghall-finijiet tal-artikolu 470 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Illi stante li d-“*diesel*” de quo kien inxtara mill-Korporazzjoni EneMalta allura s-Sisa kienet thallset u ghalhekk, mhux aktar suggett ghal qbid;

5. Illi l-attrici Mary Balzan ghandha nteress f’din il-procedura stante li fil-perjodu in dizamina kienet qed tigi lilha trasferita l-licenzja u l-avvjament tan-negozju ta’ “*Speedy Garage*” f’San Giljan;

Talbu lil din il-qorti sabiex:

i. Tiddikjara u tiddeciedi li d-“*diesel*” in dizamina mhux suggett ghal qbid;

ii. Thassar, tirrevoka, tannulla u tiddikjara minghajr effett fil-ligi n-nota ta’ qbid Numru 43/2004 tat-13 ta’ Settembru, 2004;

iii. Tordna lill-Kontrollur konvenut jirrilaxxa u jirrestitwixxi d-“*diesel*” de quo maqbud;

iv. Bl-ispejjez;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata s-17 ta’ Novembru, 2004, li permezz taghha l-Kontrollur konvenut sintetikament eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament il-paragrafi tad-dikjarazzjoni guramentata ghandhom ikunu enumerati skont l-artikolu 156 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi preliminarjament ukoll trid tingieb prova tal-interess guridiku ta’ Mary Balzan f’dawn il-proceduri;

3. Illi fil-meritu, t-talbiet attrici ghandhom ikunu respinti bl-ispejjez ghaliex:

i. L-attur Mario Fenech kellu fil-pussess tieghu “*diesel*” “*duty free*”;

ii. Illi dan kien bi ksur tal-ligi tad-Dwana, partikolarment il-ligi tas-sisa, Kap 382 tal-Ligijiet ta’ Malta;

iii. Illi l-mandat ta’ qbid in dizamina sar skont il-ligi u ghandu jigi konfermat;

Ikkunsidrat:

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-atturi datat il-21 t’April, 2005, li permezz tieghu talbet korrezzjoni fid-dikjarazzjoni tal-atturi fis-sens li s-sitt paragrafi hemm kontenuti jigu enumerati;

Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta tal-istess data ndikata fil-paragrafu precedenti fejn wara li semghet in-nuqqas t’oppozizzjoni tal-abbli rapprezentant legali tal-konvenut, laqghet it-talba attrici u ordnat il-korrezzjoni mitluba;

Rat in segwitu l-verbal tal-istess abbli rapprezentant legali tal-konvenut li in vista ta’ tali korrezzjoni rtirat l-ewwel eccezzjoni preliminari minnha mressqa;

Rat ukoll id-digriet tal-istess qorti fuq indikata, li wkoll igib l-istess datata tal-21 t’April, 2005 li permezz tieghu ordnat li t-tieni eccezzjoni tigi trattata u deciza flimkien mal-meritu tal-kawza odjerna, (ara fol 18);

Rat il-verbal ta’ l-abbli rapprezentant legali tal-konvenut datat il-11 ta’ Mejju, 2006, u r-rikors tal-istess datat il-21 ta’ Novembru, 2006, li permezz taghhom intalbet is-soprasessjoni stante li l-attur Fenech kien qed jissubixxi

proceduri ta’ natura kriminali fuq l-istess fatti li huma l-meritu tal-procedura odjerna;

Rat ir-risposta tal-attur Fenech datata l-1 ta’ Dicembru, 2006, li talab li l-qorti tichad it-talba ndikata fil-paragrafu precedenti;

Rat id-digriet tal-istess qorti diversament preseduta datat it-12 ta’ Dicembru, 2006, li permezz tieghu cahdet it-talba tal-konvenut ghas-soprasessjoni;

Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat id-29 t’April, 2008, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju biex tisma’ l-provi kollha li kien ghad fadal;

Rat id-digriet tal-istess qorti ndikata fil-paragrafu precedenti datat is-17 ta’ Marzu, 2009, li permezz tieghu l-assistent gudizzjarju fuq riferita kienet sostitwita;

Rat ir-rikors tal-konvenut datat it-23 t’April, 2010, fejn l-istess konvenut rega’ talab ghas-soprasessjoni;

Rat id-digriet relattiv datat it-22 ta’ Settembru, 2010, li permezz tieghu, wara li rat ir-risposta, l-istess qorti regghet cahdet it-talba ndikata fil-paragrafu precedenti;

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali datata t-2 ta’ Jannar, 2012, li permezz taghha annetta mal-atti odjerna l-inkartament kollu li kien fil-pussess tal-assistent gudizzjarju;

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta u mill-assistenti gudizzjarji nominati;

Semghet ix-xhieda l-ohra prodotta;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijietipprezentati mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet rispettivament datati t-2 t’April, 2012 u l-31 ta’ Mejju, tal-istess sena;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi rizultat ta' spezzjoni ta' rutina kondotta mill-ufficcjali tad-Dwana fl-istazzjon tal-petrol tal-attur, "*Speedy Service Station*", numru 10, Triq it-Torri tas-Sliema, gew elevati erba' (4) kampjuni ta' "*diesel*";

2. Illi wara li dawn il-kampjuni gew analizzati rrizulta li kellhom il-prezenza ta' "*fiscal marker*", "*solvent yellow 124*" li jindika li d-"*diesel*" ezaminat kien "*duty free*", u dan allura kien qieghed jinbiegh bi ksur tal-artikolu 17 tal-Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi konsegwenza tas-suespost il-konvenut eleva sebat elef u tmien mitt, (7,800), litru "*diesel*" mill-pompa tal-atturi, u dan, permezz tal-mandat ta' qbid in dizamina, liema elevazzjoni hu issa l-meritu principali tal-azzjoni odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward l-atturi jsostnu sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-attur Mario Fenech li fiz-zmien tal-ispezzjoni kien jiggestixxi l-pompa in dizamina, jsostni li dejjem xtara d-"*diesel*" esklussivament min ghand il-Korporazzjoni EneMalta;

2. Illi fil-fatt l-ammont ta' "*diesel*" misjub fl-imsemmija spezzjoni mill-ufficcjali tad-Dwana jikkombacca mal-ammont mixtri mill-imsemmija Korporazzjoni;

3. Illi rigward il-kontaminazzjoni bil-"*fuel marker*" misjub wara l-analizi de quo, jallega li dan seta' sar meta "*diesel*" mixtri mill-Korporazzjoni gie mitfugh f'xi "*bowser*" li seta' kellu "*diesel*" "*duty free*";

4. Illi di piu`, l-istess attur Fenech kien fil-perjodu de quo, ghadu kemm beda jiggestixxi l-pompa in kwistjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-Kontrollur konvenut kien hass li ghandu jikkonfiska d-"*diesel*" in dizamina ghaliex fl-analizi kondott kien irrizulta li effettivament id-"*diesel*" ezaminat kien "*duty free*" u ghalhekk kien qed jinbiegh bi ksur tal-ligi;
Ikkunsidrat:

Illi pero`, ghandu jinghad li nonostante dan, l-istess Kontrollur konvenut naqas jissodisfa l-precett legali li minn jallega jrid jipprova u ghazel li jieqaf biss u jistrieh fuq ir-rizultanzi fizici lilu moghtija;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jkun pacifiku li s-"*solvent*" misjub fl-analizi de quo effettivament seta' rrizulta minn kontaminazzjoni li setghet facilment sehhet kemm waqt il-fazi tad-distribuzzjoni tad-"*diesel*" fil-"*bowsers"* utilizzati kif ukoll, fl-istess post fejn jinhazen id-"*diesel*" fil-pompa – stante li l-attur Fenech kien ghadu kif jibda l-gestjoni tal-pompa de quo – u allura, ma kellu l-ebda kontroll fuq l-apparat tal-hazna wzat mill-gestur precedenti;

Ikkunsidrat:

Illi rigward it-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenut Kontrollur rigwardanti l-interess guridiku tal-attrici Mary Balzan, ghandu jinghad li l-atturi ma ressqu l-ebda prova fir-rigward u konsegwentement, qed tilqa' din l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut, bl-ispejjez kontra l-atturi;

Illi mill-bqija, tenut kont tas-suespost u tad-dubju ragonevoli fuq indikat, din il-qorti tirrespingi l-eccezzjonijiet l-ohra kollha rimanenti tal-Kontrollur tad-Dwana u filwaqt li takkolji t-talbiet attrici:

1. Tiddikjara li d-“*diesel*” in dizamina mhux suggett ghal qbid;

2. Thassar, tirrevoka, tannulla u tiddikjara minghajr effett fil-ligi n-nota ta’ qbid Numru 43/2004, tat-13 ta’ Settembru, 2004;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana jirrilaxxa u jirrestitwixxi d-“*diesel*” de quo minnu maqbud;

4. Bl-ispejjez rimanenti kontra l-istess Kontrollur.

______________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------